**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 438 / 2019**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Nurun Nabi Manic**
**Abdul Momin Mirzi**
**Salim Ullah**

**<u>Illum 5 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Nurun Nabi Manic, Abdul Momin Mirzi, Solim Ullah detenur tal-karta tal-identita Maltija 0184746A, 0146125A, u 0168883A akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzati talli nhar is-06 ta' Gunju, 2019, ghall-habta tat-8:30 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera: -

1. Flimkien ma' numru ta' persuni ohra mhux maghrufa, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma

irregolari (martell), ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Miah Faruk, hekk skond ma gie iccertifikat Dr. Jonathan Zammit M.D. (Reg. No. 3053) mill-Isptar Mater Dei u/jew minn diversi tobba ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru l-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied.

Il-Qorti kienet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Miah Faruk jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna/i offiza u l-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2022, fejn;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 63, 64(1)(2), 65(1)(2), 66, 67, 338(dd), 341,7(2), 382A(1)(2)(3), 383(1)(2)(3),384, 386, 412C, 412D, 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u kkundannathom prigunerija effettiva ta' tlettin (30) xahar habs minn liema ammont ghandu jitnaqqas dak gja' skontat taht arrest preventiv, filwaqt li illiberat lill Nurun Nabi Manic minn kull htija u imputazzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hatja a favur ta' Miah Faruk ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-

remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw mutatis mutandis.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li applikat l-piena skond il-Ligi ordnat lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil hatja Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah hallsu ugwalment u individwalment, nofs mill-ammont globali mis-somma ta' sitt mija u sittax il-Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€616.21) lir-Registratur tal-Qorti rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Dicembru, 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hatja Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah ihallsu ugwalment u individwalment, nofs mill-ammont globali mis-somma ta' sitt mija u sittax il-Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€616.21) lir-Registratur tal-Qorti rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta, jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata; u
2. Sussidjarjament fl-eventwalita' li tali htija tigi kkonfermata li tvarja l-piena mposta ghall-piena iktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

## A. <u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi</u>

### A.1. Generali

L-esponenti bir-rispett jishqu illi r-ragunijiet moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija ma jistghu qatt jigu accettati fuq bazi ta' appell u dana stante li l-ewwel Onorabbli Qorti, waqt l-ezercizzju taghha tal-apprezzament tal-provi, naqqset milli tiehu konjizzjoni ta' numru ta' nuqqasijiet, inkosistenzi u kontradizzjonijiet fil-verzjoni moghtija mix-xhud primarju tal-Prosekuzzjoni, *ossia* dik tal-allegata vittma Miah Farouk, liema verzjoni, kif sejjer jigi ampjament spjegat f'dan l-umli appell, ma tilhaqx il-grad rikjest mil-Ligi u certament tohloq dubbji ragjonevoli fl-allegazzjonijiet maghmula minnu, liema dubju, a bazi tal-massima *in dubio pro reo* kellu jigu interpretat a favur tal-appellanti u mhux bil-kontra kif effettivament gara fil-kaz odjern mill-ewwel Onorabbli Qorti.

A bazi ta' dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti umilment jishqu illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhix wahda *safe and satisfactory* stante li meta tigi evalwata x-xhieda tal-*parte-civile* Miah Farouk jemergi illi tali htija hija msejsa fuq kongetturi, suppozizzjonijiet u xejn aktar.

Illi sabiex jigi primarjament precizat, il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gew inizjjati fil-konfrot ta' tlett imputati madanakollu wiehed mill-imputati u cioe Nurun Nabi Manic gie lliberat minn kull akkuza.

Il-*lurking doubt* li ghalih jirreferu Blackstone, Archbold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' *beyond reasonable doubt*, u dana kif ser jispjegaw l-esponenti fis-segwenti aggravji.

### A.2 Dwar ix-Xhieda ta' Miah Farouk u l-Kredibbilita' Tieghu

Kif tixhed is-sentenza appellata, l-esponenti, permezz tal-istess gudizzju, instabu hatja ta' kull akkuza migjuba fil-konfront taghhom, *inter alia* li kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-parte civile kif ukoll li kisru l-paci pubblika

Kif jemergi wkoll mill-istess sentenza appellata, kollox jimpingi fuq il-veracita', konsistenza, u kredibilita' tax-xhieda ta' Miah Farouk.

Fil-fatt referenza qieghda ssir a fol. 21 tas-sentenza appellata fejn gie indikat illi:

> *"Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-Prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Miah Farouk li spjega u identifika lill-imputati bhala l-persuni li kienu aggredewh u kienu involuti fl-incidenti tas-6 ta' Gunju, 2019"*

Jibda sabiex jinghad u emfassizat illi l-esponenti la quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u wisq anqas quddiem dina l-Onorabbli Qorti ma huma sejrin jittantaw jallegaw illi l-parti leza ma soffriex xi griehi jew ghad-dirittura jargumentaw illi l-griehi subiti mill-parti leza mhumiex gravi.

Tali allegazzjoni la qatt saret u wisq anqas sejra ssir matul dawn il-proceduri.

Madanakollu dak illi dejjem sostnew l-esponenti huwa l-fatt illi huma ma kellhom l-ebda involvement fl-aggressjoni illi saret fuq l-istess Miah Farouk.

*Di piu'* ghalkemm fil-mori ta' dawn il-proceduri gew ezebiti filmati ta' CCTV cameras madanakollu ghalkemm jidhru xi persuni jaggredixxu persuni ohra madanakollu certament mill-istess filmat ma jistax jinghad illi tali aggressuri jikkorrispondu mal-appellanti ghaldaqstant ghal darba ohra l-uniku prova illi tipponta lejn l-appellanti bhala parti mill-grupp illi aggredew lis-Sur Farouk hija x-xhieda ta' Farouk stess u xejn aktar.

Tenut kont ta' dan l-aggravvju, tajjeb illi wiehed jaghmel referenza ampja ghal dak illi jiddisponi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali:

> *"2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Il-legizlatur kien ghaqli ferm meta introduca tali disposizzjoni legali. Huwa veru illi x-xhieda ta' xhud wiehed hija bizzejjed madanakollu l-Legizlatur ma waqafx hemm, il-legizlatur zied il-frazi "jekk emmnut"

Tali frazi ossia "jekk emmnut" tiehu xejra krucjali fid-dawl ta' dan il-gudizzju. Dan qieghed jinghad ghalhiex kieku Miah Farouk kien qieghed jghid il-verita' u xejn inqas mill-verita', u kieku veru l-ewwel Onorabbli Qorti emmnet lil Miah Farouk f'dak kollu illi kien qieghed jghid, senjatament fil-punt fejn huwa sostna illi allegatament gharaf min kienu l-aggressuri, kieku tali rekwizit tal-artikolu 638(2) kien ikun sodisfatt.

Madanakollu dan certament mhux il-kaz ghax kieku kien hekk il-kaz, kieku Nurun Mabi Manic kien jinstab hati bhall-esponenti, pero l-ewwel Onorabbli qorti ma emmnitux lil Miah Farouk u konsegwentament lliberat lil Nurun Mabi Manic minn kwalunkwe akkuza.

L-ewwel Onorabbli Qorti tat diversi ragunijiet ghala ghazlet illi ma temminx lil Farouk fil-konfront ta' Manic. Primarjament l-ewwel Onorabbli Qorti sostniet illi Manic dejjem cahad kategorikament l-involviment tieghu. B'kull dovut rispett imma bhalma Manic dejjem cahad, daqstant iehor dejjem cahdu bl-istess mod kategoriku l-appellanti odjerni.

> Sussegwentament l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi: "…meta l-vittma kien qed ikun mizmum mal-art u attakkat f'wiccu b'martell li ma kienx f'posizzjoni izomm ghajnejn fuq min kien qed izommu minn saqajh"

Dan wahdu juri illi l-verzjoni illi ta l-vittma mhux ta' min jorbot fuqha.

Dan wahdu juri illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma emmnitux lill-vittma.

Dan wahdu juri illi bhalma Farouk mhux kredibbli fir-rigward ta' Farouk daqstant iehor mhux kredibbli fil-konfront ta' Mumin u Ullah.

Ghall-kuntrarju ta' dak mistqarr mill-ewwel Onorabbli Qorti, Farouk bhalma kien kategoriku fir-rigward ta' l-appellant odjerni, daqstant iehor kien kategoriku fir-rigward ta' Manic.

Fil-fatt referenza qieghda ssir ghad-deposizzjoni tieghu ta' nhar is-6 ta' Jannar, 2020 fejn Farouk stqarr:

> "So, three of them here, they are present here and there are a few more but I think they are not in this country anymore"[1]

Farouk sahansitra jistqarr ezattament x'kien qieghed jaghmel Manic u cioe "he came and he was holding me from my behind"[2]

Farouk kompla jixhed:

> "When those four people they are holding me then this three came infront of me.
>
> Magistrate: the three accused came in front of him. Yes.
>
> Miah Farouk as translated..: and they started beating me."[3]

[1] Fol. 621 tal-Atti Processwali
[2] Fol. 625 tal-Atti Processwali
[3] Fol 625-626 tal-Atti processwali

F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Daniel Gatt'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja, fejn intqal hekk:

> "Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur ghaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qaghda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull kaz, il-Qorti ma ghandhiex il-fakulta u s-setgha li tidhol fil-profondita' tal-mohh, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi c-certezza assoluta ta' dak li jkun qed jahseb u jghid billi taqralu mohhu u qalbu."

Minn dan kollu jirrizulta illi Farouk, ghalkemm baqa' konsistenti fil-gideb tieghu stess, meta jghid illi identifika lil Manic kif ukoll lill-appellanti bhala whud mill-aggressuri tieghu, l-ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda ma emmnitux.

Fil-fatt l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi:

> "Illi jirrizulta li m'hemmx certezza anke mill-vittma stess min kienu l-persuni kollha involuti fl-attakk. Minn naha l-ohra l-vittma kien mizmum mal-art mill-aggressuri tieghu u ghalhekk zgur ma jistax jinghad li kellu kull tip ta' vizwal – dan iktar u iktar meta hu stess ma setax jiddentifika kull persuna involut."[4]

Dak mistqarr mill-ewwel Onorabbli Qorti huwa dak illi l-appellanti ilhom sa mill-bidu tal-proceduri jinsistu fuqu, ossia illi huma ma kienux l-aggressuri ta' Farouk.

Dan kollu jorbot bis-shih mal-verzjoni illi Farouk stess *a tempo vergine* mal-Victim Support Unit fi hdan il-korp tal-Pulizija.

---

[4] Fol. 25 tas-Sentenza Appellata

F'dan ir-rigward, ta' importanza assoluta hija d-deposizzjoni ta' Analise Borg ta' nhar it-18 ta' Gunju, 2020. Analise Borg tistqarr u bil-gurament taghha tikkonferma illi:

> **"Qalli li daruh, dak il-hin ma gharafhomx imma emm imma kien jaf, imma imbaghad qisu nahseb kien jaf…. Kien koperattiv hafna mal-Pulizija ta d-dettalji ta', ta' dak li, ta' dak li kienu emm imma nahseb il-problema kienet li it was, it happened at night jigifieri kienet emm, kien hemm id-dlam ukoll"**[5]

Dan wahda jxejjen il-veracita' tal-verzjoni moghtija mill-parti leza.

Ir-raguni ghala sussegwentament il-vittma ghogbu jindika lill-appellanti kif ukoll lil Manic bhala aggressuri tieghu, meta mal-Pulizija *a tempo vergine* stqarr li ma setax jaghrafhom, temergi kemm mill-process kif ukoll mis-sentenza appellata. Jirrizulta illi l-appellanti kienu miggieldin minn ma Farouk u dan wara aggressjoni bejn il-partijiet illi saret snin qabel gewwa l-Italja.

Il-mistoqsija tqum wahedha: jekk skond l-ewwel Onorabbli Qorti, l-allegat vittma ma setax jidentifika b'certezza kull min kien involut f'din l-aggressjoni, kif setghu qatt l-appellanti jinstabu hatja?

Ghalfejn fil-kaz tal-appellanti, l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li tapplika two weights, two measures meta l-provi kemm fil-konfront taghhom kif ukoll fil-konfront ta' Manic kienu identici?

Konsegwentament, fid-dawl tal-premess; senjatament fid-dawl tal-inkonsistenzi li jemergu mix-xhieda tal-parti leza Miah Farouk, l-esponenti jemnu bis-shih illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-istess parti leza stante li din il-verzjoni mhix wahda konsistenti, kredibbli u/jew

[5] Fol. 720-721 tal-Atti processwali

korroborata, u tant kemm tali verzjoni hija nieqsa mill-kredibilita' illi f'certi aspetti lanqas biss giet emmnuta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

B. **<u>Dwar l-ezercizzju maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

Bir-rispett l-esponenti jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, ghamlet ezercizzju li huwa f'kunflitt dirett ma' tliet principji kardinali tal-ligi penali, u cjoè:

a. Il-prezunzjoni tal-innocenza;
b. L-oneru tal-prova ta' htija jinkombi fuq il-prosekuzzjoni;
c. Sabiex tinstab htija, din trid tkun giet ipprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Kif jemergi mill-qari tas-sentenza kontestata il-Qorti ghamlet ragunament *a contrariu sensu* tal-prezunzjoni tal-innocenza. Minflok ma gharblet il-provi sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex turi li l-appellanti huma hatja, fliet il-provi sabiex tara jekk it-tezi tad-difiza gietx ipprovata.

Minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti jishaq illi t-tezi tad-difiza giet ipprovata u hija l-verità, dan ma huwiex l-ezercizzju mitlub minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Fil-kamp penali l-prezunzjoni tal-innocenza u l-principju *onus probandi incumbit ei cui dicit non ei cui negat* jimxu id f'id. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li turi l-htija tal-akkuzat. L-akkuzat jassumi l-piz tal-prova biss fir-rigward tal-linji difensjonali tieghu bbazati fuq il-provi.

Umilment l-esponenti jtennu illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija, fiha nfisha, prova cara li l-Qorti applikat dawn il-principji bil-maqlub.

Bir-rispett l-appellanti isostnu li dan ma ghandux mis-sewwa legalment. Il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha, imbaghad tghaddi sabiex tara jekk il-linji difensjonali tal-imputati humiex tali li ghandhom jigu skagunati jew il-piena taghhom ridotta, u dana minhabba s-solennità tal-proceduri penali.

Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi penali timponi oneru ta' prova aktar iebes fuq il-prosekuzzjoni, dak ta' *beyond reasonable doubt*. Umilment, l-appellanti isostnu illi fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat dan il-principju kardinali, u minflok imbarkat fuq ezercizzju ta' assunzjonijiet f'dak illi jirrigwarda l-allegat mottiv, u meta rat li wasslet ghal dak illi setgha u/jew probabbilment kien l-allegat mottiv, accettat li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha: *guilty by assumption*.

Bir-rispett, dan m'ghandux isehh fil-kamp penali.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jishqu illi l-kaz odjern ma giex deciz kif trid il-Ligi u b'mod gust.

**B.1 Dwar Assunzjonijiet, Allegati Mottivi u Punti Procedurali Ancillari**

Skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika. ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

Din hija kawza tipika fejn minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jemergi car kristallin illi l-Prosekuzzjoni lahqat biss il-grad tal-prova fuq livell tal-possibli, li lanqas f' kamp civili, jew sahansitra dak amministrattiv, ma jregi – ahseb u ara fil-kamp penali.

A fol. 24 tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li l-imputati kienu jafu lil vittma u partikolarment l-imputat Mirzi kellu storja fil-passat mal-vittma fejn jghid li l-vittma kien kissirlu snienu. L-att li sar fuq il-vittma kien principalment sabiex ukoll lilu ikissrulu snienu – kif fil-fatt sar. Filwaqt li l-prosekuzzjoni ma ghandiex obbligu li tressaq mottiv, jidher mill-atti u minn dak li stqarr l-imputat Mirzi u hutu, l-ko-imputati fl-istqarrija taghhom li Mirzi kellu skop li jivendika ruhu ma Faruk billi iwettaq fuqu l-istess griehi li soffra hu."*

Huwa veritier illi l-appellanti kienu jafu lill-vittma ghax kif effettivament jemergi kemm mill-istqarrija taghhom kif ukoll mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur stress, fil-passat il-vittma kien agredixxa lil wiehed mill-appellanti.

Mill-bqija, dak retenut fil-paragrafu hawn fuq citat, ma huwa xejn ghajr assunzjoni. Huwa inkredibbli kif l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ssejjes il-gudizzju taghha f'kawza penali fuq assunzjonijiet illi tifli kemm tifli l-atti processwali minn imkien ma jirrizultaw fl-atti processwali.

Huwa propju dan l-ezercizzju kompletament zbaljat illi ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Kif setghet qatt l-ewwel Onorabbli Qoti tassumi illi ghax fil-passat l-allegat vittma kien kisser snin l-appellant Mirzi mela allurra kien Mirzi u huh illi kissru snien il-vittma?

Min fejn temergi illi Mirzi kellu skop li jivvendika ruhu minn Miah Farouk?

Kif setgha qatt jigi assunt illi Mirzi kellu skop li jivendika ruhu mill-vittma billi jwettaq fuqu l-istess griehi li soffra hu?

B'kull dovut rispett imma l-ewwel Onorabbli Qorti waqghet fin-nasba illi hejja l-vittma stess meta xtaqha ssejjes il-gudizzju taghha fuq assunzjonijiet.

Nasba illi kixfitha fil-berah id-difiza stess permezz tal-kontro-ezami tar-

rapprezentanta tal-Victim Support Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija fejn gie stabbilit lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi a tempo vergine, il-vittma stess stqarr illi huwa ma setghax jaghraf min kienu l-aggressuri tieghu izda "kien jaf"

Kif tista' tkun taf meta jirrizulta illi l-vittma ma rahomx lill-aggressuri tieghu?

Pero l-vittma, stante l-passat tal-partijiet, jghid li kien "jaf" ghax assuma illi kienu l-appellanti – assunzjoni li fl-ahhar mill-ahhar abbraccjat l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ezercizzju zbaljat illi ghamlet.

Ghal darba ohra dan l-ezercizzju kuntrarju illi ghamlet l-ewwel Onorabbli johrog fil-berah minn paragrafu iehor tas-sentenza appellata:

> "Il-Qorti tqis li mir-risposti ta' Mirzi waqt l-istqarrija tieghu huma intizi sabiex ipendu lil Farouk f'dawl ikrah. Ma kienx sorpriz minn dak li gara u meta kien mistoqsi jekk kienx ser jiddentifika minn iktar kien involut fil-glieda apparti hu u hutu wiegeb "le". Din ir-risposta kienet "le" biex ma jikxef lil hadd iktar, izda ma jinnegax dak li gara"

Minghajr ma jinhbew wara subghajhom, dan il-paragrafu mis-sentenza appellata pperplessahom mhux ftit lill-appellanti. L-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tikkonkludi illi:

1. l-esponenti kienu fuq il-post tal-aggressjoni u;
2. Sahansitra kienu jafu min huma l-aggressuri ta' Miah Farouk
3. U ma xtaqux jikxfuhom

u dan mis-semplici risposta taghhom waqt l-interrogatorju fejn rrispondew le ghad-domnda tal-ufficjal prosekutur fejn staqsiehom jekk kienux sejrin jindikaw min kienu l-aggressuri.

Il-posizzjoni kienet tkun differenti kieku kellna mmorru lura ghal qabel l-emendi illi

sari fil-Kodici Kriminali lura ghas-sena 2016 fejn il-ligi tal-inferenza kienet kompletament differenti ghal dik applikabbli ghall-kaz odjern.

F'dan ir-rigward ghandu jigi mfakkar illi mwara l-2016, dan il-kuncett inbidel totalment. Precedentament, f`kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, u jkun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti fi stadju wara l-pre-trial stage setghet taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma setghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta` htija izda setghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta` kull xhieda ta` htija tal-persuna akkuzata jew imputata. Ezercizzju illi effettivament ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Madanakollu minn dak iz-zmien, saru kambjamenti fil-kodici penali fis-sens illi l-provediment dwar l-inferenza gie emendat u ghalhekk illum lanqas tali inferenza ma setghet qatt ssir.

Ghaldaqstant l-esponenti jemnu bis-shih illi kwalunkwe referenza ghall-kuncett tal-inferenzi mit-twegibiet jew ahjar min-nuqqas ta' twegibiet tal-esponenti waqt l-interrogatorju ghandhom jigu skartati.

### C. <u>Dwar il-Ksur tal-Bon-Ordni u l-Kwiet tal-Pubbliku</u>

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom, l-istess Qorti ma identifikatx il-kunsiderazzjonijiet taghha ai fini tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' din l-akkuza.

L-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku"

Dwar din il-kontravenzjoni l-esponenti sejrin jaghmlu referenza ghal sentenza tal-Qorti Kriminali[6] deciza nhar il-25 ta' Lulju, 1984 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Marianne Abela u Joseph Sant'** fejn gie ritenut illi:

*L-artikolu 352 (bb) (illum 338(dd) tal-Kodici Kriminali gie kostantement interpretat li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu fic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali; u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazjoni ma jiksirx il-ligi. L-uzu tal-kelma "volontarjament" ghandha tfisser illi jkun fl-imputat il-koxxjenza almenu li l-att tieghu jkollu l-potenzjalita' li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wiehed ikun fit-telfa ta' glieda.*

*In oltre,* dina l-Onorabbli Qorti f'sentenza deciza nhar l-20 ta' Mejju, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Vincent Petroni'** dwar din il-kontravenzjoni ghallmet illi:

*"Ghall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' ksur tal-ordni pubbliku, mhux bizejjed l-irvell u l-ghajat li jiddisturbaw lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm appresnjoni jew alarm fil-pubbliku."*

Dwar dan l-aspett ta' alarm fil-pubbliku, l-esponenti jaghmlu referenza ghat-taghlim ta' Blackstone fejn l-istess gurista jghallem:

"In order to establish that a crime has been committed, it is necessary to establish the essential public nature of the nuisance.

[6] Per Onor. Imhallef H. Harding

It is clear that not all the public need be affected. But it must be established that the act or omission was sufficiently widespread or indiscriminate as to amount to a public rather than a private nuisance. In A-G v PYA Quarries Ltd [1957] 2 QB 169, Romer LJ stated:

…any nuisance is public which materially affects the reasonable comfort and convenience of life of a class of her Majesty's subjects. The sphere of the nuisance may be described generally as 'the neighbourhood': but the question whether the local community within that sphere comprises sufficient number of persons to constitute a class of the public is a question of fact in every case. It is not necessary, in my judgement, to prove that every member of the class has been injuriously affected; it is sufficient to show that a representative cross-section of the class has been so affected for an injunction to issue."

Maghdud ma' dan wiehed ghandu jikkunsidra dak li ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Spiteri'[7],** ossia li:

*Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

[7] Deciza nhar l-24 ta' Mejju, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Illi tenut kont ta' dan it-taghlim kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll ta' guristi prominenti, l-esponenti jaghmlu referenza ghall-provi prodotti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u sejjer jigi analizzat kif a bazi tal-provi prodotti, fid-dawl tal-gurisprudenza, huma ma setghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

Ghandu jigi nnutat illi skond it-taghlim supra citat, sabiex persuna tinstab hatja illi kisret il-kwiet tal-pubbliku' jehtieg illi ssir distinzjoni bejn il-kwiet tal-pubbliku b'mod generali u dak ta' persuni specifici. Sabiex wiehed jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra l-esponenti, kien mehtieg illi jigi ppruvat illi l-allegat storbju kien infirex u affetwa ghadd ta' nies u mhux sempliciment zewg persuni.

Fil-kaz odjern, tifli kemm tifli l-atti processwali, tali prova ma temergi minn imkien. Daqstant iehor ma jirrizultax illi s-socjeta' in generali allarmat ruhha bl-allegata aggressojoni illi allegatament kienu involuti fiha l-esponenti.

Konsegwentament l-appellanti jemmnu bis-shih illi din l-imputazzjoni baqghet qatt ma giet sodisfacentament ppruvata.

**D. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita biss li l-aggravji u/jew xi aggravju precedenti jigi/u skartat/i minn dina l-Onorabbli Qorti.

Illi kif jemergi mis-sentenza appellata, l-esponenti gew misjuba hatja u *inter alia* kkundannati ghal tletin xahar prigunerija effettiva.

Dak li kellha tikkunsidra l-Ewwel Qorti kien jekk kinux jezistu cirkostanzi [li effettivament kollox jindika li kienu jezistu] li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva iktar u iktar meta illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu

ghaliex gie ritenut illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'[8] sostniet illi:

> **"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'."**

Fid-dawl ta' dak li tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza supra-riferita l-appellanti bir-ragun jistaqsu: Ghalfejn fil-kaz taghhom l-Ewwel Qorti emmnet illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta' prigunerija effettiva hija wahda adekwata u gusta meta il-veru skop tas-sistema gudizzjarja taghhna hija wahda riformattiva?

Fid-dawl tas-suespost l-esponenti jaghmlu referenza ghall-publikazzjoni intitolata *"Reducing Prison Population – Advanced Tools of Justice in Europe. Alternatives to imprisonment in Europe: Increasing Understanding and promoting Implementation Guideline"* – liema linji gwidi gew ippublikati bis-support tal-Unjoni Ewropea, fejn l-awturi jtennu illi:

> *"Statistics from Europe and across the world, suggest that there is a need to reconsider the place of imprisonment with respect to alternatives to detention, such as community sanctions, probation etc.,*

[8] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

*since alternatives to imprisonment could pave the way for rehabillitation, rather than recidivism.*

*There are various ways to understand the term, rehabilitation. For instance, rehabilitation may be conceptualised as a means to enable the individual to modify their moral code and maintain their behaviour change; or rehabilitation may be theorised as the means to ensure that the individual's behaviour is maintained, irrespective of any ethical position, it may be thought of as the behaviour associated with adhering to State laws, finally within the law, rehabilitation is defined in terms of re-education and it is through this process that the individual gains the capacity to live in society, and to respect its laws."*

L-appellanti, jaghmlu referenza wkoll ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **"Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et**."[9]:

"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. "

jistaqsu jekk din l-Onorabbli Qorti f'kazijiet fejn l-akkuzat ma jkunx ta' eta' zghira u jkun recidiv, tasal biex toffri lill-akkuzat opportunita' li jbiddel hajtu minghajr ma tghabbih b'pieni esagerati li kapaci jwasslu ghal reati ohrajn, ghalfejn fil-kaz taghhom le?

Dan kollu huwa relevanti ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu a window of opportunity fejn il-piena tkun mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi li juru li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u ddemostra sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu. Meta jkun hemm disponibiltà u rieda tajba l-Qorti dejjem izzomm miftuhin it-twieqi ghall-bidla u ghall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta.

[9] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Ghaldaqstant, l-appellanti filwaqt li qeghdin jinterponu dana l-umli appell mis-sentenza moghtija fil-konfront taghhom ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2022 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti, rat l-atti kollha u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, wara li rat l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 63, 64(1)(2), 65(1)(2), 66, 67, 338(dd), 341,7(2), 382A(1)(2)(3), 383(1)(2)(3),384, 386, 412C, 412D, 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u kkundannathom ghal prigunerija effettiva ta' tlettin (30) xahar habs minn liema ammont ghandu jitnaqqas dak gja' skontat taht arrest preventiv, filwaqt li lliberat lil Nurun Nabi Manic minn kull htija u imputazzjoni. Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hatja a favur ta' Miah Faruk ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw mutatis mutandis.

**Ikkunsidrat,**

L-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwardja l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tibda mill-ewwel billi tghid illi kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Julian Genovese**:[10] '

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,*

[10] Deciza 31 ta Lulju, 2008. Appell Numru 141/2008.

> ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.</u>**[11]" [12.5.94]; "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[12]" [14.2.1989]; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[13]" [31.5.1991]; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[14]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**<u>R. v. Cooper</u>**[15]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[16]

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[15] 1969] 1 QB 276.
[16] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[17] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li **tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. **Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija."**

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer,</u>**[18] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **<u>dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**<u>-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.</u>** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[19]

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi*

[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[19] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

*oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzati mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzati biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza taghhom.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienu l-akkuzati biss li ghamlu dak li gew akkuzati bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputati b'mod univoku bir-reati addebitati lilhom.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[20] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".* Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[21] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [22] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[21] 1997 Edition Para 10-3.
[22] 1952.

*that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[23]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[24] Jigifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

---

[23] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[24] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[25] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

**F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunflingenti, dik esposta mill-prosekuzzjoni u/jew l-Avukat Generali li tinsisti li l-appellanti huma hatja tar-reati li huma jinsabu rinfaccati bihom u dik proposta mid-difiza li Miah Faruk, li fuqu qedgha principarjament isserrah il-kaz taghha l-prosekuzzjoni, assolutament mhux kredibbli. Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex taghmel ezercizzju fejn sejra tezamina fid-dettal il-provi mressqa quddiem l-ewwel qorti.

**PS 1064 Luke Spiteri**[26] xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2019 fejn qal li kien stazzjonat il-Hamrun u l-Ispettur Vella kien baghtu Triq il-Fawwara sabiex jara kienx hemm cameras. Hu ndika l-cameras lis-Surgent tal-Forensika PS 1147 sabiex jiehu l-footage. Hu kkonferma li ghamel l-aggornament fir-rapport tal-pulizija nhar is-7 ta' Gunju, 2019.

**PC 47 Bernard Briffa**[27] xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2019 fejn qal li hu kien assista lill-Ispettur Robert Vella waqt interrogazzjoni ta' Abdul Momin Mirzi. Hu gharaf lill-

[25] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[26] Fol. 531 et seq tal-process.
[27] Fol. 534 et seq tal-process.

appellanti quddiem l-ewwel qorti, fejn qal li kien prezenti ghall-istatement taghhom. Muri Dok RV2 qal li qed jaghraf il-firem tieghu, tal-Ispettur Robert Vella u tal-imputat.

Fir-relazzjoni tieghu, **<u>t-tabib Mario Scerri</u>**[28] *in breve* ikkonkluda illi Faruk kien garrab lezjonijiet ta' natura gravi per durata wara li allegatament qala xebgha minghand xi nies. Faruk garrab frattura tan-*nasal bones* u garrab *undisplaced fracture tax-shaft tal-middle phalanx* tar-raba' subgha tal-id ix-xellugija. Illi rizultat ukoll ta' *blunt trauma,* dan spicca bil-*medial u l-lateral incisor teeth ta' fuq u bil-canines* ta' fuq neqsin u dawn jidhru sew u ovvji *within talking distance.*

**<u>Dr James Vassallo</u>**[29] xehed nhar l-14 t' Ottubru, 2019, fejn qal li jahdem l-Isptar Mater Dei u muri dokument hu qal li kienet nota li hu kien ghadda lil pazjent biex juri li dak iz-zmien kien qed ibati minn nuqqas ta' vista f'ghajn wahda li probabbli kienet imminenti. Wara dik il-gurnata u ma regax ra lil Farak Miha.

**<u>Dr Jonathan Zammit</u>**[30] xehed nhar l-14 t' Ottubru, 2019, fejn qal li hu jahdem gewwa l-Emergenza f'Mater Dei u muri Dok RV2 hu kkonferma li dan kien certifikat mahrug minnu fuq pazjent li kien ra 6th June, 2019. Hu spjega li l-pazjent kellu hafna griehi, kellu ksur f'imniehru, sitt snin neqsin, ksur f'subghajh, r-raba' subgha ta' idejh ix-xellugija u kellu hafna farretti f'wiccu, wahda f'idejh ukoll u wahda f'saqajh. Qal li jiftakar sew il-farretti ta' wiccu ghax dam itiehom. Jghid li l-pazjent kien Frak Miha u ma jiftakarx kienx rah drabi ohrajn wara. Il-griehi kienu ta' natura gravi.

**<u>Dr Jonathan Grech</u>**[31] xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2019 fejn muri Dok RV3 hu spjega li pazjent taghhom, fejn il-konsulent kien Mr Robert Cuschieri, kien ghamel taht il-kura taghhom mis-6 ta' Gunju sal-11 ta' Gunju. Hu xehed li saru l-ezamijiet medici fuqu kif ukoll scans u rrizulta li kellu ksur fin-*nasal bone* u anke f'idejh. Kienu anke kkonsultaw ma xi specjalisti fosthom tal-ghajnejn u anke tal-ortopedija. Kien inghata l-medicini u anke dati ta' *follow-up appointments* u sussegwentament gie *discharged*. Hu kkonferma li kien hu li hejja Dok RV3.

[28] Fol. 543 et seq tal-process.
[29] Fol. 554 et seq tal-process.
[30] Fol. 557 et seq tal-process.
[31] Fol. 559 et seq tal-process.

**Keith Cutajar**[32] xehed nhar il-25 ta' Novembru, 2019 fejn qal li skond l-inkarigu moghti lilu nhar it-2 ta' Settembru, 2019 hu gie mghoddi esebit fejn kien hemm zewg CDs b'filmati fihom biex bazikament johrog l-istess u jaghmel analizi minn dawn is-CCTVs. Hu esebixxa rapport bl-istills kollu, bazikament tal-filmati li nstabu f'dawn is-CDs. Fir-rapport hemm numru ta' stills fejn bazikament jiddokumentaw zewg cameras u l-attivita' li kienet ghaddeja fit-triq.

**Diane Mazzonello** xehedet nhar il-25 ta' Novembru, 2019 fejn esebiet il-file mediku ta' Miah Faruk.

**PS 1500 Alfred Cutajar**[33] xehed nhar il-25 ta' Novembru, 2019 fejn qal li nhar is-6 ta' Gunju, 2019 ghall-habta tat-tmienja u nofs kien *night watch duty* l-ghassa tal-Hamrun. Kienu rcevew telefonata mill-*control room* li gewwa Triq il-Fawwara f'Santa Venera kien hemm xi argument bejn xi nies u kien hemm persuna mil-art. Hu mar fuq il-post flimkien ma' PC 1037 fejn kif waslu diga' kien hemm l-ambulanza fejn hadet il-vittma Mater Dei ghal aktar osservazzjoni. Spjega li kien hemm hafna dmija mill-art, u fuq roqa demm instabu wkoll xi snien. Ghalhekk hu kien ta' xi ordnijiet sabiex idawru l-*area bil-police tape*. Hu kien avza lill-Ispettur Vella b'dan kollu fejn kien tah struzzjonijiet sabiex jigu elevati dawn is-snien, kif ukoll ha xi ritratti tal-istess xena tal-akkadut. Hu kien halla pulizija *fixed point* fuq il-post u mar Mater Dei sabiex ikellem il-vittma. Dan tal-ahhar kien jidher mugugh u ma felahx jitkellem. Kull ma seta' jifhmu li kienu daruh xi nies mill-Bangladesh. Irrizultalu li l-allegat vittma kien certu Miah Faruk mill-Bangladesh. Nhar l-14 ta' Gunju, 2019 hu kien xoghol gewwa l-ghassa Hamrun u kien baghat ghalih sabiex jispjegalu ezatt x'kien gara. L-allegat vittma kien semmilu tlett individwi Mirzi Abdul Momin, Ullah Salim u Manic Nurun. Dawn kienu joqghodu l-Imsida u kollha kienu jahdmu ma' JP Borg Group. Wara li tkellem mal-allegat vittma hu ma kellux x'jaqsam iktar mal-kaz. Muri Dok RV1 hu jghid li dan huwa r-rapport li hu hejja dakinhar stess tal-akkadut. Muri Dok RV4 li jikkontjeni tmien ritratti, jikkonferma li dan kien hadhom hu u li juru x-xena tad-delitt, fosthom anke d-dmija u s-snien li sabu fuq il-post. Muri Dok RV8 hu jghid li f'dan ir-ritratt

[32] Fol. 565 et seq tal-process.
[33] Fol. 596 et seq tal-process.

jidher il-vittma Miah Faruk gewwa l-Isptar Mater Dei u kkonferma li hu l-istess persuna ta' Dok AC1.

**Miah Farauk**[34] xehed nhar is-6 ta' Jannar, 2020 fejn qal li nhar is-6 ta' Gunju , 2019 mar jghum u kien qed jirritorna lura d-dar tieghu f' Santa Venera ghal habta tat-8.00pm. jghid li kien mixi u qed jikteb bil-mobile. Meta kien kwazi wasal id-dar hu sabhom hemm hekk kienu qed jistahbew wara l-karozzi. Mistoqsi mill-Qorti hu jghid li l-indirizz tieghu hu qal Josephine Court, Santa Venera u t-triq jisimha Lion Street jew 'Institute or Lion institute something'. Spjega li tlieta minn dawn in-nies kienu prezenti fl-awla quddiem l-ewwel qorti, filwaqt li ohrajn ma kienux ghadhom fil-pajjiz. Meta wasal jghid li daruh u hu spicca go nofs cirku. Jghid li tnejn kienu fuq il-lemin tieghu filwaqt li tnejn ohra kienu fuq ix-xellug, filwaqt li Momin mar quddiemu u beda jzommu minn ghonqu. Hu indika lil Abdul Momin Mirzi bhala l-persuna li tah bil-martell fuq imniehru. Jghid li kien hemm tlett min-nies b'martell, Momin, Salim Ullah u persuna ohra. Hu indika wkoll lil Salim Ullah quddiem l-ewwel qorti. Muri Dok RV9 hu ndika l-persuna mmarkata bl-ittra 'C' bhala t-tielet persuna li kellu martell f'idejh. Hu jghid li b'kollox disa' persuni attakawh. Hu kompla sabiex qal li Nurun Bai Manic beda jzommu minn wara. Erba' persuni bdew izommulu idejh u dawn huma A, F, E U D kif immarkati f' Dok. RV9. Mumin beda jghidilhom sabiex izommuh sew halli ma jahrabx. Tlett persuni, fosthom it-tlett akkuzati gew quddiemu u bdew ituh. Hu qal li bdew ituh f'xufftejh, f'imniehru u f'ghajnejh il-leminija. L-ewwel Qorti setghet tara dan kollu minm distanza ta' madwar tlett metri. Minn wara l-attakk, il-vista f'ghajnejh il-leminija giet batuta hafna. Hu spjega li Mumin beda jghid lill-ohrajn sabiex imidduh mil-art u tah daqqa' bil-martell f'saqajh. Hu anke wera lill-Ewwel Qorti saqajh il-leminija fejn indika l-irkoppa, il-*calf* u l-aksa. Momin qal lil Salim sabiex jiftahlu halqu u hekk beda jaghmel. Hu beda jipprova jwaqqfu u tawh daqqa' f'subajh u kissruwulu. Kulhadd beda jzommu u ma setax jiccaqlaq, Salim fetahlu halqu u Mumin tah daqqa' fi snienu u b'hekk kissrulu sitt snien min-naha ta' fuq. Hu spjega li beda jghajjat ghall-ghajjut u beda jibki. Ikkonferma li Momin kien il-persuna li tah bil-martell u xi kultant bil-ponn fuq imniehru, saqajh u snienu. Hu spjega li ra lil Salim Ullah imur wara daru bil-martell u jtih go daru. Salim Ullah zommlu halqu

[34] Fol. 618 et seq tal-process.

miftuh ukoll. Jghid li Nurun Nabil Manic zammu l-isfel tul dan l-attakk. Hu gie muri Dok RV6 u cioe' tmintax-il ritratt u Dok RV9. F'Dok RV6 u cioe' r-ritratti mmarkat bin-numri 6 u 8, hu indika lil Salim Ullah bhala l-persuna li qedgha bejn il-karozzi. Il-persuna ndikata bl-ittra C f' Dok RV9, hi l-istess persuna fir-ritratti mmarkati bin-numru 14 u 15 ta' Dok. RV6. Fir-ritratt immarkat bhala numru 17 jghid li ma jaghraf lil hadd. Fir-ritratt numru 18, u cioe' fil-kantuniera ndika lilu mixhut mil-art. Mistoqsi mill-Qorti kienx jaf lill-akkuzati qabel, hu wiegeb li kien jaf biss wiehed minnhom l-Italja u cioe' lil Mumin. Spjega li fl-Italja kellhom kunflitt verbali hu u Mumin, izda minn dakinhar ma kellux iktar kuntatt mieghu. Il-kumplament hu spjega li ma kienx jafhom. Muri Dok RV8 u cioe' set ta' sitt ritratti li juru lilu meta kien l-isptar. Hu jghid li hu gie rilaxxat mill-isptar izda ghadu in kuntatt mat-tabib ghaliex ghandu bzonn iktar trattament ghal ghajnejh. Hu spjega kif kien sar jaf lil Momin u kif f'Dicembru 2018 kellhom glieda Malta u dan tal-ahhar kien qallu '*I see you when I find you*'. Mistoqsi jekk kienx ghamel rapport, hu wiegeb fin-negattiv. Bejn Dicembru u meta allegatament sar l-incident mertu ta' din il-kawza, hu u Momin ma tkellmux. Hu jghid li wasal Malta f'13 ta' Mejju, 2019. Hu jahseb li l-incident ha madwar sitt minuti. Jghid li meta identifika id-disa' rgiel hu kien ghadu tajjeb.

Miah Faruk[35] xehed in kontro-ezami nhar is-16 ta' Novembru, 2021 fejn ikkonferma li kien mar il-Victim Support Unit u li hu kien qal lill-pulizija l-verita'. B'referenza ghat-testimonjanza t' Analise Borg fejn hi kienet xehedet li Faruk kien qalilha li hu ma gharafx l-aggressuri tieghu, hu qal li dan mhux possibli ghax hu rahhom. Hu qal li kien jaf persuna wahda minn dawk li attakawh, izda mbghad l-ohrajn gharafhom mir-ritratti. Hu jghid li kien bejn 20:00 u 20:30 ta'filghaxija izda kien fis-sajf. Hu kkonferma li persuna minnhom hu kellu argument mieghu fl-Italja. Hu jghid illi l-ewwel darba hu kellem lil tal-Victims Support Unit fuq it-telephone, imbaghad wara mar hemmhekk.

<u>**Gillian Debono**</u>[36] xehdet nhar it-13 ta' Frar, 2020 fejn qalet illi toqod gewwa triq il-Fawwara, Santa Venera. Spjegat li kienu marru jkellmuha xi pulizija minhabba li hi ghandha l-cameras fuq barra u sabiex jaraw kienx ingibed il-kaz mertu ta' din il-kawza

[35] Fol. 843 et seq tal-process.
[36] Fol. 673 et seq tal-process.

bl-istess cameras taghha. Hi qalet ghalhekk li ghaddiet tali filmat lill-pulizija. Tiftakar li bhala zmien kien is-Sajf.

**PC1037 Saviour Mifsud**[37] xehed nhar it-13 ta' Frar, 2020 fejn qal li kien xhud tal-istatements u li mar mas-Surgent 1500 fuq il-post. Hu ma jiftakarx meta grat izda kienu rcivew telefonata li kien hemm glieda fi Triq il-Fawwara, Santa Venera fejn kien hemm persuna qed issofri minn xi griehi. Meta waslu fuq il-post innota roqa kbira ta' demm u anke madwar sitt snien mil-art li gabarhom hu w poggihom go borza apposta. Spjega li s-snien kienu mill-gheruq u cioe' maqlughin minn gol-hanek u mhux snien imkissrin. In-nies kienu nfurmawhom li kienu diga' telqu bil-vittma bl-ambulanza u ghalhekk huma marru l-isptar. L-individwu kien mimli demm u kellu qsim fuq wiccu, fuq xufftejh, fuq imniehru, fuq ghajnejh u kellu wkoll xi ksur f'idejh u saqajh. Dakinhar, il-vittma bilkemm felah jitkellem. Muri Dok RV8 hu jghid li jgharaf lill-vittma izda ma ftakarx x'kien jismu. Muri l-istatements tal-akkuzati, hu kkonferma li kien prezenti, gharaf il-firem u kkonferma li nghatawlhom id-drittijiet taghhom skont il-ligi.

**PS 1147 Antoine Fenech**[38] xehed nhar it-18 ta' Gunju, 2020 fejn qal li kien infurmat sabiex imur f'residenza f' Santa Venera sabiex jaghmel kopja tal-filmat ta' CCTV li kien hemm installata tas-6 ta' Gunju, 2019 bejn 20:10 u 20:30. Hu pprezenta kopja tal-filmat kif ukoll tmintax-il stils li gew estratti mill-filmat elevat.

**PC 580 I Mercieca**[39] xehed nhar it-18 ta' Gunju, 2020 fejn qal li nhar is-26 ta' Gunju hu kien baghat ghall-vittma Miah Faruk sabiex dan jaghti l-verzjoni tieghu. Dan l-incident kien sar nhar is-6 ta' Gunju, 2019 fi Triq il-Fawwara, Santa Venera meta Miah Faruk kien gie aggredit minn grupp ta' nies, fosthom l-appellanti li hu gharaf quddiem l-ewwel Qorti. Miah Faruk fid-dikjarazzjoni tieghu qal li dakinhar tas-6 ta' Gunju, x'hin wasal fi triq il-Fawwara ra grupp ta' nies jistennewh u qamu sabiex jiggildulu. Momin zammu minn ghonqu u qabdu jtuh. Salim Ullah fetahlu halqu u Momin tah daqqa' t''

[37] Fol. 676 et seq tal-process.
[38] Fol. 707 et seq tal-process.
[39] Fol. 711 et seq tal-process.

martell fi snienu. Il-vittma kien qallu wkoll li Momin kien ukoll kisirlu subajh tax-xellug bid-daqqiet.

**Analise Borg**[40] xehedet nhar it-18 ta' Gunju, 2020 fejn spjegat illi dak iz-zmien hija kienet trainee counsellor fil-Victims' Support Unit illi huwa Unit fil-Korp tal-Pulizija li jaghtu assistenza lill-vittmi ta' kriminalita'. Hi kienet ghamlet kuntatt mal-vittma tramite l-isptar Mater Dei. Tiftakar li l-vittma kien jismu Miah Faruk. Hu kien qalilha li dawn in-nies li attakawh ippruvaw joqtluh. Hi qalet li ma tafhomx lill-akkuzati li dehru quddiem l-ewwel Qorti. Hi ma tiftakarx iltaqghetx ma' Miah Faruk, darba jew darbtejn. Li hu zgur li wara li hareg mill-isptar, hu kien interessat hafna fil-kaz tieghu u meta hareg mill-isptar mar il-Victim Support Unit. Miah Faruk kien qalilha li din il-glieda bdiet b'xi kumment fuq Facebook u sussegwentament saret din il-glieda. Hu kien qalilha li daruh, dak il-hin ma gharafhomx, izda kien jaf. Dan gara sena qabel hi xehedet u qalet li Miah Faruk kien jaf min kienu mbaghad. Mistoqsija mid-difiza, hi qalet li kienet tiehu notamenti kull darba li kienet tkellem lil xi hadd kemm fuq it-telefon u kemm wicc imb'wicc. Hi xehedet li ma kinitx ghadha tahdem hemm, pero' kien jigi kkreat file u li n-noti taghha jinsabu hemm.

Nhar it-23 ta' Lulju, 2020, Analise Borg[41] regghet xehedet illi kienet ghamlet kuntatt ma' Faruk tramite l-isptar u dan f'isem il-Victims Support Unit u sussegwentament hu baqa' in kuntatt maghhom. Hu l-iktar li ried aggornameti ta' kif beda jizviluppa l-kaz tieghu mal-pulizija. Il-kuntatt ma' Faruk dam minn Gunju sa Awwissu 2019. Hi ma kellha l-ebda involviment fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz.

**Maria Dimech**[42] xehedet nhar it-18 ta' Gunju, 2020 fejn qalet li hi kienet tghix gewwa Triq il-Fawwara, Santa Venera u tghid li saret taf x'gara ezatt l-ghada tal-incident minn fuq l-ahbarijiet. Hi dakinhar semghet xi ghajjat imma ma taghatx kaz peress li mhux l-ewwel darba jkun hemm l-ghajjat fit-triq. Meta marret sabiex taghlaq it-tieqa, rat zewg karozzi tal-pulizija u hasbet li kien ittajar xi hadd. Tiftakar li bhala data kienet is-6 ta' Gunju, 2019.

---

[40] Fol. 715 et seq tal-process.
[41] Fol. 772 et seq tal-process.
[42] Fol. 723 et seq tal-process.

**Spettur Robert Vella**[43] fejn xehed nhar it-23 ta' Lulju, 2020 u qal li nhar is-6 ta' Gunju, 2019 ghall-habta ta' 20:30, il-pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun kienu nfurmati li gewwa triq il-Fawwara Santa Venera kien sehh incident, fejn kien hemm persuna mixhuta fin-nofs ta' triq u kien qieghed go ghadira demm. Il-pulizija tad-distrett u cioe' PS1500 u PS1037 kienu marru fuq il-post fejn hemmhekk kien hemm persuna ta' nazzjonalita' barranija li kien qed jigi assistit minn tim mediku u wara ttiehed l-isptar. Hemmhekk baqghu jsiru l-investigazzjonijiet fejn fi Triq il-Fawwara Santa Venera, vicin il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBO864 kien hemm xi ghadajjar tad-demm fejn fil-fatt kien instab il-vittma. Kienu nstabu wkoll sitt sinniet li ngabru mill-pulizija. Il-pulizija kienu tkellmu ma' certu Donatella Monsigneur fejn kienet stqarret illi l-kelb taghha beda jinbah u hi bdiet tisma' xi ghajjat gej mit-triq u x'hin harget barra, sabet persuna mixhuta fl-art, f'ghadira demm u kienet cemplet ghall-assistenza medika. Il-Pulizija ppruvaw jaraw kienx hemm cameras fil-vicinanzi u rrizultalhom li l-camera tar-residenza numru 8 ma kinitx qed tahdem. Il-pulizija marru l-isptar Mater Dei fejn irrizultalhom li l-vittma kien certu Miah Faruk mill-Bangladesh u ma setghax jikkomunika sew peress li kien ghadu qed jigi mdewwi mit-tobba. Dr Jonathan Zammit kien qal ukoll lill-pulizija li l-vittma kien sofra minn griehi gravi. L-ghada l-pulizija nnutat CCTV camera ohra mar-residenza numru 15 gewwa Triq il-Fawwara. Il-camera kienet tiffunzjona u ghalhekk PS1147 mill-forensika kien mar sabiex jeleva l-filmat. Il-pulizija regghu marru l-isptar hdejn il-vittma li kien jinsab ftit ahjar mill-gurnata ta' qabel. Il-vittma spjegalhom li hu u miexi gewwa Santa Venera, gie attakat minn madwar 8 jew 9 min-nies. Mistoqsi ghala seta' gara dan l-incident, hu kien stqarr illi dawk il-granet hu kellu argument ma' certu Momin, liema argument beda fuq Facebook u sussegwentament kompla f'argument meta hu u Momin iltaqghu. Miah Faruk spjega illi kien Momin li kien attakah il-gurnata ta' qabel u li ma kienx jaf dettalji fuqu, izda li kien ser jiksibhom meta jkun aktar f'siktu. Faruk kien dam bosta granet l-isptar u meta gie rilaxxat nhar is-26 ta' Gunju, hu mar l-ghassa sabiex jghaddi lill-pulizija iktar informazzjoni dwar l-incident. Dakinhar Miah Faruk ghadda numru ta' ritratti lill-pulizija, fosthom dak esebit a fol. 479 tal-process. Faruk irrakonta illi dakinhar tal-incident ghall-habta ta' 8/8:30 kien kwazi wasal vicin tar-residenza

[43] Fol. 753 et seq tal-process.

tieghu meta ra grupp ta' disa' min-nies jistahbew wara vetturi. Hu stqarr li kien mar fejn dawn kienu qed jistahbew u Abdul Momin Mirzi mmarkat bin-numru wiehed fir-ritratt sucitat, qabdu minn ghonqu. Faruk stqarr li pprova jahrab pero' daruh bhala grupp. Il-persuna mmarkata bin-numru 2 u li hu identifika bhala Salim Ullah kien zammu u persuna ohra mmarkat bl-ittra 'E' kien tah daqqa' b'martell fuq ghajnejh il-leminija. Dak il-hin kollha bdew ituh daqqiet kemm b'martell, b'daqqiet ta' sieq u bl-idejn f'diversi partijiet ta' gismu. Faruk zied jghid illi l-persuna mmarkata bl-ittra B u bl-ittra A kienu zammewh minn idejh filwaqt li l-persuna mmarkata bin-numru tlieta li huwa Nuru Nabi Manic flimkien mal-persuna mmarkat bl-ittra 'C' kienu zammewh minn saqajh. F'dak il-mument Salim Ullah immarkat bin-numru 2, fetahlu halqu, zammlu halqu miftuh b'idejh filwaqt li Abdul Momin Mirzi kien qabad martell u bih beda jkissirlu snienu. Fauk zied jghid ukoll li Momin kien anke kissirlu wiehed mis-sebgha ta' idejh. Minn investigazzjonijiet tieghu, rrizulta li l-appellanti kienu jahdmu mal-kumpanija G.P. Borg u cioe' kumpanija tal-kostruzzjoni. Irrizulta li kellhom residenza gewwa l-Imsida, izda meta l-pulizija marru sabiex jaraw dawn il-persuni kienx ghadhom qed jirrisjedu hemm, f'dak il-perjodu ma kienux qed jaghmlu uzu minn din ir-residenza. Fil-21 ta' Lulju, 2019 kien ghamel mandat t'arrest kontra l-appellanti u persuna ohra. Sussegwentament gew ikkuntatjati bit-telefon u rrikorew gewwa l-ghassa tal-Hamrun. Irrizulta li ma baqghux jghixu gewwa l-Imsida b'mod temporanju u bdew jghixu gewwa l-Mellieha. Ittihdulhom stqarrijiet dwar l-allegazzjonijiet fil-konfront taghhom, izda it-tlieta li huma nnegaw l-involviment taghhom. Fil-kors tal-investigazzjoni kien irrizulta illi f'xi zmien qabel kien inqala' argument bejn Momin u Faruk gewwa Katanja, fejn allegatament Faruk kien ikkaguna xi griehi fuq Momin waqt argument hemmhekk. Il-pulizija kien irnexxilha fil-fatt tara kopja ta' dan ir-rapport li kien stqarr, li kien sar mal-pulizija Taljana. Hu kkonferma id-dokumenti minnu prezentati fil-21 ta' Lulju, 2019, meta ix-xhieda ma tieghu ma kienitx giet irrekordjata.

Is-Supretendent Robert Vella[44] rega' xehed in kontro-ezami nhar is-16 ta' Novembru, 2021. Hu xehed illi rigward l-argument li sehh barra minn Malta, kien hemm aggressjoni fil-konfront ta' Momin fejn dan kien sofra xi ksur fi snienu. Allegatament

---

[44] Fol. 840 et seq tal-process.

dan gara wara daqqa' ta'ponn minn Faruk. Hu jghid li din hi xi haga li hu gabar mill-investigazzjoni u li l-incident allegatament sar nhar it-30 t' April izda dahal rapport nhar l-1 ta' Mejju.

**<u>Donatella Monsingeur</u>**[45] xehedet nhar il-5 ta' Novembru, 2020 fejn qalet li toqghod Triq Dun Xand Cortis, Santa Venera, Entratura F, number 6 u kienet ilha tghix hemm tletin sena. Hi tghid li tiftakar li kienu kellmuha l-pulizija dwar incident li kien sehh wara s-sebgha u nofs ta' filghaxija u ma tafx kienx Mejju. Hi kienet fil-kamra tal-banju u l-kelb beda jinbah u jghola mat-tieqa u hi harget sabiex issiktu u semghet il-krib. Hi semghet lil xi hadd jghajjat 'Help. Please somebody help'. Spjegat li halliet kollox u nizlet u ma rat sitwazzjoni sabieha xejn. Hi rat guvni barrani u kellu demm ma' wiccu w beda jghidilha sabiex iccempel ambulanza. Meta cemplet, kienet infurmawha li diga' kienet gejja l-ambulanza. Hi baqghet hdejh u ma hallitux iqum minn mill-art ghax ma kienx f'kundizzjoni li jaghmel dan. Talabha tfittxlu l-mowbajl, izda dan ma nstab imkien. Hi kienet saqsiet lil Faruk jekk kienx jaf min kien ghamillu hekk u hu kien wegibha fl-affermattiv. Hi ma kinitx tafu qabel lil Faruk u qas ma regghet ratu minn dakinhar.

**<u>Rosanne Bonello</u>**[46] xehedet nhar is-16 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li hi stazzjonata Victim Support Unit u pprezentat il-file ta'Miah Faruk esebiet bhala Dok RB1.

**<u>Manic Nurun Bani</u>**[47] xehed nhar l-1 ta' Marzu, 2022 fejn qal li hu jigi hu l-appellanti u li ghandhom l-istess missier. Hu jaf lill-allegat vittma ghax gej mill-pajjiz tieghu. Jghid li ltaqa' mieghu darba biss f'2018 quddiem il-knisja tal-Imsida. Hu jghid li ma jaf xejn dwar l-incident mertu ta' din il-kawza. Hu jghid li kien id-dar gewwa Tanti Flat, Msida fil-hin tal-incident. Hu jghid li dakinhar filghaxija qaghad fl-appartament u xi 7.00pm kien mal-habib tieghu Farouk. Hu jghid li raqad xi 9.00pm u sakemm kien imqajjem, Farouk kien hemm izda meta raqad ma jafx x'ghamel. Meta xehed Farouk kien qed jghix l-Italja. Meta l-pulizija kellmuh ma saqsewhx kienx hemm xi hadd mieghu fl-appartament u allura ma qal xejn. Dak iz-zmien hu kien jghix ma hutu.hu sar jaf bl-

[45] Fol. 812 et seq tal-process.
[46] Fol. 833 et seq tal-process.
[47] Fol. 851 et seq tal-process.

incident in kwistjoni meta cemplulu l-pulizija. Hu jghid li ma jafx fejn kienu hutu dakinhar ghax hu ma kienx maghhom. Hu xehed illi ma jafx hutu kienux involuti fl-incident mertu ta' dawn il-proceduri *o meno*. Hu jghid li ma jistax jiftakar jekk huma kienux biddlu l-indirizz taghhom fil-jiem ta' wara l-incident. Hu jghid li hi gidba li hu kien zamm l-allegat vittma waqt l-incident in kwistjoni.

**Khandokar Faruk**[48] xehed nhar l-10 ta' Gunju, 2022, hu jghid li Manic kien habib tieghu u li ilu jafu mill-Bangaldesh. Spjega illi meta jigi mill-Italja, hu joqghod ma Manic. Hu qal li dakinhar tal-incident Manic kien mieghu mis-6.00pm/7.00pm sa 8.00am. Ftakar li d-data tal-incident kienet is-6 ta' Gunju u huma kienu fl-appartament fit-tielet sular gewwa Tanti Flats. Hu kien joqghod fil-kamra ma' Manic u go kamra ohra kien hemm nies ohra.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrijiet tal-appellanti[49] fejn Abdul Momin Mirzi fl-istqarrija tieghu datata l-21 ta' Lulju, 2019 f'11:30hrs, wara li nghata d-drittijiet tieghu u tkellem mal-avukat tieghu, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet. Madankollu, hu kien qal li ltaqa' mal-vittma fl-Italja u meta kien gie Malta darba rah l-Imsida. Mistoqsi humiex hbieb hu wiegeb fin-negattiv ghaliex kienu jigu minn postijiet differenti. Qal ukoll illi meta kulhadd sar jaf li l-vittma ghamel stqarrija kontrihom, kellhom hafna pressjoni u ghalhekk marru joqghdu l-Mellieha minn L-Imsida. Hu qal li sar jaf li meta l-vittma hareg mill-isptar, kien qighed izomm sikkina fuqu halli jekk jara lilu jtih daqqa' biha. Momin semma wkoll incident li hu kellu mal-vittma fejn dan tal-ahhar kien tah daqqa' u kissirlu snienu. Fl-istess gurnata, Momin irilaxxa stqarrija ohra f'16.10 hrs fejn qal li hu ma kienx involut fl-incident u minhabba r-rapport tieghu fl-Italja kontrih, issa ried jivvendika ruhhu billi jimplika lilu jew lill-familtu.

Salim Ullah irilaxxa stqarrija datata l-21 ta' Lulju, 2019 f'12:20hrs, wara li nghata d-drittijiet tieghu u qal li jaf lill-vittma ghax hu mill-Bangladesh u kien ilu joqghod Malta ghall-erba' jew hames snin. Hu qal li l-incident sar nhar is-6 ta' Gunju, izda hu ma kienx hemm. Hu qal li l-vittma kien iggieled ma huh Momin fl-Italja u kissirlu tlett

[48] Fol. 858 et seq tal-process.
[49] Fol. 480 et seq tal-process.

sinniet u minn dakinhar ma baqghu b'relazzjoni hazina. Darba minnhom spjega li kien fejn il-knisja tal-Msida u gie Farouk ma shabu u ried isawwtu. Hu qal li l-persuni muri f'ritratt jafhom kollha gahx huma mill-Bangladesh madankollu ma jafx min kien involut f'dan l-incident. Hu jghid li kienu jahdmu Bugibba u kien ghalhekk li marru joqghodu l-Mellieha. Hu kkonkluda billi qal li Farouk kellu problema ma huh u ghalhekk inkluda lilu.

Il-Qorti rat ukoll is-*social enquiry reports* esebiti fl-atti.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwardja l-apprezzament tal-provi u li s-sentenza tal-ewwel Qorti mhux wahda *safe and satisfactory* u dan ghaliex skonthom ix-xhieda tal-parte civile hija msejsa fuq kongetturi u suppozizzjonijiet.

Din il-Qorti tghid illi sejra tiffoka fuq l-appell intavolat mill-appellanti u mhux ser tidhol fil-mertu jekk Nurun Nabi Manic kellux jigi lliberat *o meno* u dan stante l-fatt illi appell fil-konfront tieghu ma giex intavolat.

L-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jistipula illi l-Qorti tista' tasal ghal htija fuq ix-xhieda ta' xhud wahdu u dan jekk dejjem ikun emmnut. Huwa minnu illi xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid, kif ukoll fil-gideb u ghalhekk huwa mportanti li x-xhud li fuqu principarjament tibbaza s-sentenza taghha l-Qorti, ghandu jkun emmnut mill-istess Qorti.

L-appellanti jaghmlu referenza ghax-xhieda ta' Analise Borg fejn qalet li l-vittma kien qalilha li dak il-hin tal-incident ma gharafhomx lill-aggressuri izda kien jaf min kienu. Din il-Qorti fliet l-atti b'mod partikolari n-noti tal-Victim Support Unit, specifikament ta' l-istess Analise Borg, mmarkati bhala Dok RB1 a fol. 835 et seq tal-process, fejn din ma semmitx li Miah Farouk ma gharafx l-aggressuri tieghu. Dawn l-istess notamenti jidhru li gew meduha wkoll *a tempo vergine*. Di piu', l-istess Miah Farouk, meta mistoqsi in kontro-ezami, jinnega li hu qatt qal hekk lil Analise Borg. Din il-Qorti tqis ukoll il-fattur tal-language barrier, u hi tal-fehma li Miah Farouk kien konsistenti fil-

verzjoni tieghu u kredibbli. L-appellanti setghu jigu identifikati facilment mill-vittma aktar minn persuni ohra ghaliex l-azzjonijiet taghhom saru ezatt quddiem wiccu u mhux biss per ezempju zammewh biss minn wara u ghaldaqstant ma setax jidentifikahom sew. Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

Fir-rigward it-tieni aggravju tal-appellanti, din il-Qorti sabiex tkompli ma dak li diga' qalet iktar kmieni f'din is-sentenza tghid illi l-grad tal-prova li mistennija tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik ta'lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Min-naha l-ohra, l-akkuzat m'hu mistenni jressaq l-ebda prova, izda jekk jiddeciedi li tressaq xi prova il-grad li jrid jilhaq l-akkuzat hija dik tal-probabbli. Akkuzat jibqa' prezunt innocenti sakemm il-prosekuzzjoni jirnexxila tipprova l-kaz kontrih.

L-appellanti qed jargumentaw illi l-ewwel qorti njurat dawn il-principji legali sucitati u bbazat ruhha dwar il-punt li l-appellanti kellhom mottiv sabiex ghamlu r-reat mertu ta' dawn il-proceduri.

F'dan il-punt issir referenza ghal dak li qal il-Professur Anthony Mamo fin-noti tieghu meta semma l-mottiv:

> *'Now to a wrong doer, intention, if he has one, is his purpose to commit the wrong:* ***his motive is his purpose in committing it.*** *Every wrongful act may raise two distinct questions with respect to the mental attitude of the doer. The first of these is: How did he do the act - intentionally or accidentally? The second is: If he did it intentionally,* ***why did he do it?*** *The first is an enquiry into his intention, the second is connected with his* ***motive****.*
>
> *In Halsburyfs Laws of England (Vol. IX, p.15), the distinction between intention and motive is thus put: "Intention is an operation of the will directing an overt act: motive is the feeling which prompts the operation of the will, the ulterior object of the person willing; e.g., if a person kills another, the intention directs the act which causes death;* ***the motive***

> ***is the object which the person had in view, e.g., the satisfaction of some desire such as revenge, etc."***
>
> *In other words, a man's intention is his determination to do or not to do a particular act;* ***his motive is his reason for forming such determination.*** *He intends to do that which he means and tries to do; his motive is what makes him intend to do that act - it is the spur which stimulates him to action.*
>
> *Now, on the question of 'guilty' or 'not guilty',* ***English Law as a rule disregards the prisoner's motives, though they may affect the amount of the punishment.*** *It is the intention and not the motive which gives the character and quality of an act. "The intention to do the act exists for all criminal purposes where it is wilfully done, although the act itself was merely intended as a means for obtaining some ulterior object" ('Criminal Law Commissioners', 4th Rep., p.15).* ***If a man has done an act which is forbidden by the law, it will be no defence for him to urge that he had a laudable motive.*** *No act otherwise unlawful is excused or justified because of the motives of the doer, however good, e.g., a theft is not less criminal because the ulterior motive of the thief may have been to obtain money for charitable purposes. So also if a man publishes a pamphlet which is manifestly obscene he thereby commits a criminal offence, and it is no defence that his motive was to expose practices which he deemed pernicious (Harris, op. cit., p.22).'*

Din il-Qorti tishaq illi il-principji legali u d-drittijiet tal-akkuzati dejjem ghandhom jigu mharsa. Madankollu, din il-Qorti hi tal-fhema illi l-allegat vittma Miah Farouk kien konsistenti u kredibbli fil-verzjoni tieghu. Dan maghdud flimkien ma provi mressqa f'dawn il-proceduri din il-Qorti jidrilha illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha 'l hinn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghaldaqstant, qedgha tichad it-tieni aggravju tal-appellanti.

It-tielet aggravju tal-appellanti jirrigwardja il-ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, fejn dawn tal-ahhar qed jargumentaw illi ma kellhomx jinstabu hatja ta' din il-kontravenzjoni.

Illi din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis, Clifford Bugeja**, deciza minn din il-qorti hekk kif ippreseduta nhar is-7 ta' Mejju, 2019:

> *'Illi dwar din l-imputazzjoni kontravenzjonali, din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Vs Rocco D'Alessandro'***[50] *fejn gie kkunsidrat li:*
>
> *'Minħabba li l-ewwel imputazzjoni hija* ***ksur volontarju tal- bon-ordni jew tal-paċi pubblika****, il-Qorti qed tirreferi għas- sentenza '****Il-Pulizija versus Michael Camilleri et'*** *tas-27 ta' Frar 2008 tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill- Imħallef Dr.David Scicluna. F'dik is-sentenza nsibu dan li ġej dwar in-natura ta' din il-kontravenzjoni.*
>
> *'Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet '****Il-Pulizija v. Paul Busuttil'*** *deciz fit-23 ta' Gunju 1994:*
>
> *"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah* ***'a breach of the peace'****. Din l- ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet '****Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et****.,' kien qal hekk:*
>
> *'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei*

[50] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju, 2013.

*doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).1 Vol. LXXVIII.v.277.*

*A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat '**Calleja v. Balzan**: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li rreat ta' 'breach of the peace' fil-ligi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont zgħir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom. 'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts.* ***In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'.*** *Alarm may now be too strong a term: in* ***Macmillan v. Normand (1989)*** *the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).*

***Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):***

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41- 01).***

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:* ***' . Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).***

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Spiteri*** *deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din ilQorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:*

*"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoċi li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiża in materja:*

*'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace- type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the*

*peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

*Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il- Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill- Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is* ***'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'.*** *But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell . Watkins L.J. said:*

*' .* ***Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).***

***Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l- għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l- inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni***

***<u>għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ- ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.'</u>*** *(enfasi ta' din il-Qorti)*

*Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.*

*Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tar jekk* ***<u>kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.</u>***

*Mill-provi l-Qorti ma tarax li jirriżulta dan il-biża' u għalhekk qed tiddeċiedi li l-appellant ma hux ħati ta' din l- imputazzjoni.'*

*Ghalkemm fix-xhieda moghtija viva voce minn Kashana Anne Elder hi ma gharfitx lill-imputat appellant bhala involut, hi xehdet li "I stepped back because people were hitting and I stepped back" ghalhekk l-Ewwel Qorti kkunsidrat li "Huwa ċar li din il-persuna, membru tal-pubbliku preżenti f'dan l-istabbiliment ma ħassethiex sikura f'dak il-post fejn kienet minħabba l-ġlieda li seħħet quddiemha. Dan il-ġest evidentement juri li hija kellha apprensjoni għall-inkolumnita tagħha inkwantu kieku ma kienx hekk ma kienetx tersaq lura...'. Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-kommozzjoni kif deskritta mix-xhieda kienet tali li twassal ghal ksur tal-bon ordni jew kwiet pubbliku, izda dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk kienx l-appellant li volontarjament kiser dan il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku. L-Ewwel Qorti qieset li 'l-involviment u l-azzjoni tal-imputati, għalkemm b'modi u intensita ta' involvement differenti, xorta waħda tintegra dan ir-reat.' u dan minkejja li Kashana Anne Elder ma gharfitx lill-appellant'*

Illi din il-Qorti hi tal-fhema illi l-ghemil volontarju tal-appellanti nissel inkwiet anke jekk minimu jew thassib f'mohh persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta' u dan kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ix-xhud Donatella Monsingeur spjegat kif ix-xena li rat hi ma kienet sabiha xejn, fejn spjegat li rat ragel bid-demm mil-art. Ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta sabet lill-appellanti hatja ta'din l-imputazzjoni u ghalhekk qedgha tichad it-tielet aggravju mressaq minnhom.

Ir-raba' aggravju tal-appellanti jirrigwardja l-piena mposta mill-ewwel Qorti. Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-gustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

F'sentenza ricenti deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina** deciza nhar is-16 t' Ottubru 2020 din l-istess Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** :

*"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which*

*their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll l-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri. (Ara wkoll ***'Il-Pulizija vs Mohamed* BERKOUK, *Maalem* ABDERRAHMANE, *Lazhari* ZAMOUCHE** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'22 t' Ottubru, 2019)

Fis-sentenza deciza nhar l-1 ta' Settembru, 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dailin Bennetti**, din il-Qorti qalet hekk:

*'Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-****Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza*

*<u>sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena</u>. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. <u>Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.</u>'*

Bhala Qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata u hekk kif rifless fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Gauci</u>** deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2009 (Ara ukoll "<u>Ir**-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999], "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn).**</u> Illi m'hemmx dubbju li f'dan il-kaz il-piena applikabbli ghall-akkuzi originarjament migjuba kontra l-appellanti jidhlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati u dan anke meta wiehed jikkunsidra s-serjeta' u l-gravita' tal-kaz u r-riperkussjonijiet li thallew fuq il-vittma.

Kif ġie ritenut fl- Appell Kriminali (Superjuri) <u>Ir**-Repubbblika ta' Malta vs. Carmen Butler**</u> deciza nhar is-26 ta' Frar, 2009:

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**)"*

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellanti kif ukoll is-*social enquiry reports* imhejjija fil-konfront taghhom. Illi rat ukoll ir-rapporti medici u l-attakk bla skrupli li sar fuq il-vittma Miah Farouk. Dawn it-tip ta' kunflitti b'aggressjoni m'ghandhomx posthom fis-socjeta' u kull minn jaghmel dawn l-atrocitajiet ghandu jigi penalizzat. Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha wkoll tichad ir-raba' aggravju mressaq mill-appellanti.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad ir-rikors tal-appellanti u tikkonferma is-sentenza tal-ewwel qorti fl-intier taghha.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**